

*Żaren ta' Brandina, missier Nardu Falzon l-Irish, jittrinka fil-barriera ta' Ħurxinu fir-Ramlija. Innotaw is-sieq il-leminija ma tidhirx għax qegħda fit-trinka. Taħt il-warrani għandu xkora biex tiskansalu l-kesħa tal-art. Jidher parti sewwa mill-marloġġ li kien ikun twil mas-sebat ixbar. Innota l-ilbies. Qalziet tal-fustan u l-flanella biex tixrob l-għaraq. L-għata ta' fuq ir-ras biex tiskansa x-xemx diretta u l-biċċa mdaħħla fil-komma, biex jintmesaħ l-għaraq (ritratt Leonard Falzon)*



*Il-barriera fl-inħawi Tad-Dawl, f'Ħal Kirkop bejn l-1918 u l-1921 (Stone, magazine, September 1926, p. 454)*

# Il-Ġebla mill-Barriera sa fuq il-Lant tax-Xogħol

**Joseph Carbone**

*Għal ħafna snin diversi Koppin sabu impjieg fl-industrija tal-barrieri, sengħa antika u mill-aktar iebsa li sabet art fertili f'Ħal Kirkop fejn il-ġebla hi waħda ta' kwalità. Xhieda ta' dan huma diversi barrieri li nfetħu matul is-snin immexxija minn familji Koppin. Joseph Carbone jagħtina ħarsa dettaljata, b'vokabolarju rikk, lejn il-ġebla Maltija u l-proċess ta' kif din titqatta' u tinħadem għall-bini. Ta' interess partikolari hu l-fatt li jlaqqagħna ma' diversi Koppin li ħadmu fil-barrieri.*

**Il-Wasla tal-Bniedem f'Malta**

Huwa maħsub li l-bniedem bikri rifes fuq l-art Maltija madwar 7000 sena ilu. Aktarx li uża l-għerien u fetħiet fil-blat, biex stkenn mill-elementi u minn xi għedewwa tiegħu, kif ukoll minn xi annimali selvaġġi, li setgħu kienu jgħixu fuq din l-art. Peress li kull maħluq irid jiekol, il-bniedem troglodita kellu jiskariġġa minn post għal ieħor, biex jikkaċċja u jfittex ħxejjex għall-ikel. Minħabba f'hekk, il-bniedem li għex bikri f'dawn il-Gżejjer kellu joħroġ mill-għerien u jfittex mod ieħor fejn seta' jistkenn. Hawnhekk beda juża materjali li kien jiltaqa' magħhom, bħalma huma zkuk tas-siġar u friegħi imqaċċtin u mwaqqgħin fl-art, biex beda jibni l-ewwel għerejjex, filwaqt li beda jgħatti dawn iz-zkuk b'weraq kbir li seta jsib, kif ukoll xi qasab. Aktar tard, beda juża t-tajn u aktar tard it-tafal, biex beda jiksi l-għerejjex tiegħu. Il-bniedem primittiv beda jiskopri wkoll l-użu tal-ġebel, li kien isib imxerred fix-xagħri u fil-widien. Meta beda jiżviluppa l-għodod biex iqaċċat jew iqatta' bihom, beda juża wkoll z-zkuk ħoxnin u siġar sħaħ, biex flimkien mal-ġebel, seta' jibni daru. Biex ikollu bażi soda, beda jħaffer 'l isfel fil-ħamrija, biex beda jibni bil-ġebel fuq art soda u mhux fuq l-artab tal-ħamrija u t-turbazz. Jingħad li lura fiż-zmien, Malta kienet miżgħuda bis-siġar, bħalma huma dawk tal-ballut u ż-żnuber, għalhekk ma tantx kellu problemi kbar, la issa kellu l-għodod biex iqaċċat bihom. Maż-żmien il-bniedem bikri, reġa' dar għal għerien, fejn din id-darba skopra kif seta' jibni, bil-ġebel, il-barra mill-għar, biex seta' jkollu aktar spazju. Huwa maħsub li l-ewwel dukkien (speċi ta' bank tal-ġebel imserraħ mal-ħajt) kien ġie żviluppat f'dawk iż-żminijiet. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, il-bniedem primittiv ma baqax jiddependi biss mill-kaċċa u mill-ħxejjex li kien tgħallem jagħżel minn fost il-veġitazzjoni vasta biex jitrejjaq, iżda beda jesperimenta bil-biedja u t-trobbija tal-annimali. Kien hawnhekk li beda jfittex forom oħra ta' abitazzjoni, fejn beda juża aktar il-ġebel, biex jibni fejn jgħix f'aktar kumdità hu, flimkien mal-familja tiegħu, kif ukoll il-bhejjem li beda jrabbi. Huwa skopra li f'ċerti nħawi, l-blat kien ikun xpakkat u mqatta' naturali, kemm jiġi illevat bi ftit sforzi u seta' jużah biex jibni daru. Meta l-bniedem bikri f'Malta beda jagħmel użu mill-metalli (bilfors li kien jikkomunika ma' artijiet oħra, għax f'Malta m'hawnx riżorsi ta' metalli), beda jużahom biex iqatta' l-ġebel li kien ikollu bżonn dirett mill-art samma. Beda jsib xi blat imtarraġ u permezz tal-għodod li issa kellu

beda jħaffer trinek u imbagħad jixpakka l-blat permezz ta' spnajjar. Dan il-mod kif jinqata' l-blat, nistgħu nsejħulu l-ewwel forom ta' barrieri, biex minnhom jinqata' l-ġebel għall-użu fil-bini ta' djarhom, kif ukoll tal-imqades tal-allat tagħhom. Skont esperti f'dawn l-oqsma, jgħidu li l-ġebel kien jinġarr billi jirrumblahom fuq zkuk u boċċi kbar tal-ġebel sa fuq il-post. F'każi fejn il-ġebel kien ikun ta' qisien iżgħar, kienu jagħmlu użu minn speċi ta' slitti, miġbudin minn bhejjem bħalma huma l-gniedes, biex iwasslu t-tagħbija fuq il-lant tax-xogħol. Forsi wkoll li kien permezz ta' din is-sistema, li ssawru dawk ir-raddi fil-blat, li għalina in-nies li ġejna warajhom, għadhom misteru kbir, ta' kif, għaliex u biex issawru.

Il-barrieri aktar ma beda għaddej iż-żmien, permezz tal-għodod li dejjem ġew ivvintati u metodi ġodda li ħolqu kif jinqata' l-blat, dejjem baqa' jsir żvilupp fihom, sa ma fis-snin ħamsin tas-seklu għoxrin daħlu l-magni li jaħdmu bid-dawl, li bdew era ġdida ta' kif jinqata' l-ġebel għall-bini, b'aktar ħeffa u b'inqas tbatijja (xorta baqgħet it-tbatija għal min jaħdem fil-barrieri, avolja bl-għodod moderni ittaffiet ħafna). U xi ngħidu għas-sħana fis-sajf kiefer ta' Malta? Meta jkunu jaqtgħu l-blat hemm taħt fil-fond ta' ħofra ta' minn jaf kemm-il sular, faċċata għax-xemx.

**Is-Saffi tal-Blat ta' Malta**
Il-blat ta' Malta huwa dak tat-tip sedimentarju, li fforma taħt il-baħar miljuni ta' snin ilu. Xhieda ta' dan huma l-eluf ta' ħlejjaq akkwatiċi li nsibu iffossilizzati fil-blat.

Prinċipalment il-blat ta' Malta huwa maqsum f'ħames saffi. Jista' jkun ukoll li f'ċerti nħawi jkun hemm xi saff nieqes, forsi għax ittiekel mill-elementi jew ma ffurmax meta kien qiegħed jifforma l-blat. Taħt nett insibu **ż-Żonqor ta' Taħt**. Dan is-saff jista' jerġa' jiġi maqsum f'żewġ saffi, **iż-Żonqor tal-Prima** u **ż-Żonqor tas-Sekonda**. Minn dan is-saff taż-żonqor ta' taħt jittieħdu r-ramel u ż-żrar, kif ukoll blokki biex jintużaw għal diversi użu, bħalma huma bażijiet għall-monumenti kif ukoll il-kurduni tal-bankini (fl-antik, qabel ma bdew isiru tal-konkos).

Fuq iż-żonqor ta' taħt jiġi s-saff tal-**Globiġerina**. Dan is-saff jista' jerġa' jiġi maqsum fi tlieta. Is-saff li jmiss maż-żonqor ta' taħt huwa dak imsejjaħ tal-**Franka**. Il-ħxuna ta' dan is-saff tvarja minn 100 sa 150 metru fond. Dan nistgħu nerġgħu naqsmuh fi tlieta: il-**Franka Bajda**, il-**Franka Safra** u s-**Soll**. Bl-ewwel żewġ saffi, jintużaw għall-bini u affarijiet oħra, filwaqt li s-soll jintuża l-aktar fil-pedamenti, għax jekk jintuża għall-bini, dan peress li hekk kif jara l-arja jfarfar u jittiekel malajr, fi ftit żmien ikollok jew twaqqa' jew inkella tibdel il-kantun mikul. Wara l-franka imbagħad tiġi l-**Qargħija**. Ġebla qargħija hija ġebla naqra iebsa, mimlija rqajja' jew għoqod iebsin ħafna, nieqsa mill-pori u mhix tajba biex tintaġar. Trabbi l-qollieha u titqaxxar u titherra malajr. Il-qollieha hija skorċa li titrabba fuq il-ġebla biex tħarisha mill-elementi, pero fil-każ tal-ġebla qargħija, din għalkemm tissawwar fuq il-ġebla, taħt ikun ġa marid u wara ftit taż-żmien iċċedi u taqa' u terġa' tissawwar, u tibqa' sejra hekk, sa ma l-ġebla titherra kollha. Qatt innotajtu li fejn ikun hemm ġebel soll fil-wiċċ, jibda jaqa' galletti galletti, dak huwa simili għall-qollieha. Fuq il-qargħija tiġi l-ġebla imsejjħa **tal-Kniener**. Din il-ġebla imsejħa hekk, għax tiflaħ għan-nar u kienu jużawha ħafna biex jinħadmu l-kniener, li kienu l-*cookers* ta' misirijietna. Bejn is-saffi tal-globiġerina insibu saff irqiq ħafna imsejjaħ **il-Katina**. Il-katina hija saff irqiq ħafna ta' blat żonqri. Fuq is-saff tal-globiġerina jiġi s-saff tat-**Tafal**. Dan huwa saff ferm bżonjuż, l-aktar f'Malta, għax fuqu jżomm l-ilma. Meta jkun hemm ftugħ jew xquq fil-blat tista' tinħoloq nixxiegħa, peress li l-ilma jiġri fuq is-saff tat-tafal u fejn isib joħroġ. Fuq is-saff tat-tafal jiġi s-saff tar-**Rina**. Ir-rina hija ġebla poruża ħafna. Fuq ir-rina jiġi l-aħħar




*Il-blat tal-gżejjer Maltin (illustrazzjoni ta' Joseph Carbone)*

saff, li huwa s-saff **taż-Żonqor ta' Fuq**. Dan bħal ta' taħtu, jinqasam fi tnejn **iż-Żonqor tal-Prima** u **ż-Żonqor tas-Sekonda.** Miż-żonqor tal-prima jieħdu ż-żrar u r-ramel, filwaqt li miż-żonqor tas-sekonda jinħadem il-ġir.

## Qabel ma bdew isejħulha Barriera

Qabel ma bdew isejħulha barriera, kienu jużaw il-kelma Latmija jew Latnija. F'Malta għad hawn postijiet li jsejjħulhom il-Latmija jew il-Latnija.

## Il-Barriera tal-Baqqun

Meta kienu jiddeċiedu li jiftħu barriera ġdida, l-ewwel kien isir ix-xiri jew il-ftehim dwar ċens jew qbiela tal-għalqa, jekk ma kinitx tkun tal-imgħallem stess u jinkisbu l-permessi meħtieġa. Kien isir ukoll il-pareġġ u titkisser nofs l-għalqa. Meta tagħmel il-pareġġ, ifisser li tkun qed tagħmel ħofra, biex jkun jista' jinħadem il-blat. Il-pareġġ huwa xogħol mibdi, li jista' jitkompla minn ħaddieħor. Dan kien isir bill-fomm u mhux bill-kitba. Meta jsir il-qbil, kienu jibdew isaffu l-wiċċ (inaddfu l-wiċċ). Kienu jibdew jiġbru l-ħamrija permezz taz-zpapen fil-qfief tal-virgi. Il-virgi li kienu jkun simili għall-qasab irqaq, kienu jinġiebu minn Sqallija, filwaqt li l-qfief kienu jinħadmu f'Malta. Kienu jixħtu l-ħamrija fil-kaxxa tal-karettun, biex imbagħad tinġarr permezz tal-bhima fil-post maħsub minn qabel. Meta l-ħamrija tinġabar kollha, kienu jduru għall-mazkan u ġebel ieħor, biex ikomplu jnaddfu l-wiċċ. Kif inaddfu l-wiċċ, kienu jfittxu jaraw x'tip ta' blat ikun hemm, f'dik il-biċċa li jkunu għadhom kif saffew. Aktarx li l-imgħallem kien ikollu xamma sewwa ta' xi blat ikun hemm, l-aktar jekk fil-qrib ikun ġa hemm xi barrieri oħra, avolja l-blat jista' jvarja. Anzi kienu jgħidu li l-blat bħaż-żwieġ, kaxxa magħluqa. Jista' jkollok blat selvaġġ, li jkun blat iebes. Il-blat jista' jkun ukoll blat **miksur** jew **immermer**, li kienu jirreferu għalih bħala blat fraġli. Fejn kienu jsibu blat li jkun artab, kienu jsejħulu blat **turbazz** Meta

l-blat f'wiċċ imsoffi ġdid kien ikun fraġli jew turbazz, inkella kien ikun hemm dawk il-qigħan jew l-inforor, li jkunu uċuħ ta' blat mhux fondi, li taħthom ikun hemm il-ħamrija, kien ikollhom ikomplu jsaffu, sa ma jsibu blat tajjeb li jkun blat samm. Dan ix-xogħol kollu kienu jsejħulu t-**tisfija**. Meta jibda t-tħaffir, kienu jridu jħallu **l-piedi għall-irdublatura**. Dawn kienu jkunu żewġ piedi (60 cm) fuqek (in-naħa tiegħek) u żewġ piedi (60 cm) in-naħa tal-għalqa l-oħra. Jekk ma jitħallewx dawn iż-żewġ piedi, is-sid tan-naħa l-oħra kien ikollu d-dritt li jkissirlek il-faċċata, filwaqt li kien jista' wkoll jagħtik il-permess, biex ma tħallix piedi.



***Karettuni bil-kaxxa simili għal dawk li kienu jintużaw biex iġorru l-ħamrija huma u jħammlu l-wiċċ biex jiftħu barriera ġdida (NAM, PHO 1019)***

Wara li l-wiċċ kien jissaffa u jkollhom wiċċ nadif, kien jibda l-proċess tal-qtugħ tal-blat. Ma rridux ninsew, li dak iż-żmien, meta l-għodod kienu għadhom kollha tal-idejn, l-imgħallem (is-sid) kien ikollu jimpjega numru sostanzjali ta' ħaddiema, biex seta' jkollu l-lant għaddej u jlaħħaq ma' kull ordni li jkollu. L-istess għodod, aktarx li kienu jkunu, jekk mhux kollha, l-maġġoranza tagħhom propjetà tal-imgħallem. Kien ikun hemm individwi, li għax ikunu mustaċċuni jew dutturi fix-xogħol, kienu jġorru l-għodod tagħhom personali magħhom u jużawhom huma biss. L-imgħallem kien ikollu jimpjega nies biex jittrinkaw li kienu jissejjħu **trinkaturi**. Nies biex iħammlu t-trinek mil-laqx u x-xaħx li jinqala' waqt l-ittrinkar. Dawn jissejjħu **ħammiela**. It-taħmil kien isir permezz tal-imgħażqa u/jew iz-zappun. Kienu jimpjegaw ukoll l-**iżmarraturi**, li xogħolhom kien li l-ġebel maqtugħ jirranġawh permezz tal-imterqa. Il-**kissier**, li xogħlu kien li jkisser il-blat, li jaqta' l-blat permezz tal-ispnajjar u t-tismir fuqhom bil-mazez. Il-**ferrieq**, li xogħlu kien ikun li jofroq ix-xorok.

Kienu jibdew minn qabel ma jżernaq, xi l-4 ta' filgħodu u jibqgħu sejrin sa wara l-Ave Marija. Biex jaraw kienu jużaw il-lampi, li kienu jkunu magħmula minn xi bott biż-żennuna, bħal stanjata tal-kafe u joħorġu ftila. Ġieli sa ma jisbaħ kienu jkunu żmarraw vjaġġ ġebel. Kienu jieqfu xi ftit tal-ħin aktarx bejn it-tmienja u nofs u d-disa' għall-kafe u bejn nofsinhar u t-tlieta fis-sajf, biex itaffu ftit l-għomma, pero fi staġuni oħrajn kienu jieqfu ftit għal ikel u ma kinux idumu daqs kemm idumu fis-sajf biex jerġgħu jibdew. L-ikla kienet tkun tikkonsisti f'xi nofs ħobza tal-Malti mħaffra bħal vapur u jimlewha bit-tadam, ġbejniet tal-bżar, xi biċċa tonn mielaħ jew inċova, żebbuġ u kappar u mgħerqa fiż-żejt. Kien hemm ukoll xi wħud, li tad-dar kienu jieħdulhom l-ikel imsajjar, dejjem jekk ma kienx ikun hemm bogħod ħafna mir-raħal sal-barriera. Kienu jużaw ukoll xi tinda biex jilqgħu is-sirġa tax-xemx. Fix-xitwa, meta jkun maltemp, ma kinux jaħdmu u l-anqas ma kienu jitħallsu, ma ninsewx li s-servizzi soċjali u ċerti liġijiet favur il-ħaddiem, lanqas biss il-ħsieb tagħhom ma kien għadu jeżisti. Fis-sajf, l-ilbies kien ikun xi flanella tas-suf, biex tixrob l-għaraq u xi qalziet tal-fustan sa rkubbtejhom. F'rashom kien ikollhom xi kappell tat-tibna jew maktur marbut bl-għoqiedi mdawwar ma' rashom.

Bil-blat mikxuf, issa riedu jfasslu l-lantijiet biex ikollhom id-daqs adattat skont l-ordnijiet li jkollhom, sewwa jekk ordni għall-kantun, inkella għall-važi jew xorok, skaluni jew kolonni. Il-qtugħ tal-blat kien jibda billi titħaffer trinka twila msejħa l-**qatgħa**. Din it-trinka, li kienu jfonduha skont l-għoli li jkollhom bżonn, però l-aktar li kien jinżel kien fond ta' ħames traġi (traġa kienet madwar xiber 11-il pulzier) kienet tkun wiesgħa madwar seba' pulzieri (17.8 cm). Kartabun mal-qatgħa, kienu jħaffru żewġ trinek oħra, waħda kull tarf tal-qatgħa, li kienu jsejjħulhom it-**tisliba**. Meta l-barriera tkun ġdida, kien ikollhom iqattgħu qatgħa oħra, biex ikollhom dik li tissejjaħ **traversa** (rettangolu b'erba trinek). Il-kobor tat-traversa kien ikun ta' kobor mhux ħażin, għoxrin pied bi ħmistax (6x 4.5 metri ) jew tletin pied b'għoxrin ( 9x 6 metri ). Meta bħalma għidna, il-qatgħa kienet tkun tal-ewwel, kienu jħaffru wkoll il-**pett**. Il-fond kien ikun l-istess bħat-trinka u kienu jħaffruh b'kobor kemm joqogħdu żewġ ħaddiema fih, biex ikunu jistgħu jħaffru l-**kenniera** jew isammru l-ispnajjar, permezz tal-mazez. It-trinek kienu jitħaffru permezz tal-baqqun. Kienu jużaw diversi bqaqen b'marloġġi ta' tul differenti, li kienu jibdlu aktar ma jinżlu 'l isfel. It-**trinkatur** (dak li jbaqqan) kien jintasab bilqiegħda fuq xi xkora għall-qiegħa tal-art, b'sieq waħda taħtu u l-oħra dritta quddiemu. Meta kien ikollu t-trinka fonda biżżejjed, kien idendel siequ fiha. It-**trinkatur** kien ikollu joqgħod attent, għax aktar ma jfannad it-trinka, aktar kienet tibda tagħlaqlu, għax mhix faċli biex tittrinka u tinżel dritt riegla ċomb. Meta titlesta t-trinka, kienu jħaffru l-kniener fil-qiegħ tal-pit. Kull kenniera, kienet tkun imbiegħda ftit pulzieri bogħod mill-oħra. Din il-kenniera kienet tkun bħal speċi ta' toqba jew xaqq, li fihom kienu jqiegħdu biċċtejn pjanċi msejħa **ċapep** u bejniethom idaħħlu l-ispnar. L-ispnar kien imbagħad jissammar permezz ta' mazez ta' toqol ta' madwar għoxrin sa tletin ratal (22.5 sa 24 kg). Jekk il-blat kien ikun tant iebes, l-ispnar kien jinbeżaq 'il barra. Hawnhekk kien ikollhom jużaw l-injam flok iċ-ċapep. Mela ċ-ċapep kienu jużawhom, biex l-ispnajjar jiżolqu l-ġewwa ma kull daqqa tal-mazza. Jekk il-blat kien ikun iebes, kienu jużaw l-injam, biex l-ispnar jeħel bejn l-injam wara kull tismira. Wara numru ta' tismiriet



*Ftuħ ta' barrier ġdida hekk kif issaffa l-wiċċ sabiex jibda l-qtugħ tal-blat*




*It-tfassil tal-lantijiet tal-barriera (disinn ta' Joseph Carbone)*



*It-tqattiegħ tat-traversi u tal-ġebla skont id-daqs mixtieqa. Kollu xogħol ta' ċenċil ta' spnajjar f'mazzez kbar, koordinat bejn ħafna nies (ritratti British Pathé)*

bil-mazez, il-blata kienet tinstema' ċċedi u tinqata' skont il-vina tal-blat bejn il-qatgħa u t-tislibiet. Meta kien ikollhom bżonn li jużaw l-ispnajjar biż-żwieġ, flok ċapep kienu jużaw il-**landi**, li kienu jkunu itwal miċ-ċapep.

Nies li tkellimt magħhom u jiftakru l-barrieri ta' qabel ma ġie ntrodott il-makkinarju modern, jgħidulek li filgħodu, f'dik il-ħemda li r-raħal tagħna kien imżejjen biha, kien jinstema' biss iċ-ċenċil kull meta l-mazez jaħbtu mal-irjus tal-ispnajjar. Kienet tinstema bħala melodija l-ħabta ta' żewġ metalli flimkien. Meta kien joqrob nofsinhar u kienu jieqfu jieklu, iċ-ċenċil kien jieqaf. In-nisa tad-djar li kienu jkunu jagħmlu l-faċendi fi djarhom, kienu jindunaw li jkun wasal ħin l-ikel, anke jekk is-sagristan ma kienx idoqq nofsinhar, għax iċ-ċenċil kien jieqaf.

Wara li tinqata' l-ewwel **traversa,** il-ġenb mikxuf kienu jsejħulu **tavlatura**. Meta t-traversa kienet tinqata', kienu jibdew il-proċess biex titqatta' b'biċċiet iżgħar, jew aħjar titqatta' fi knaten jew blajjet, dejjem skont il-qisien li jkollhom bżonn. Kienu jqattgħu diversi traversi differenti, bħalma kienu dawk għall-knaten, għax-xorok, važi jew għal iskaluni tat-turġien. Seta' wkoll ikollhom jaqtgħu traversa skont il-qisien li l-bennej jordna lill-imgħallem. Kien ikun hemm każi, meta bennej kien imur jordna x-xorok jew xi ġebel speċifiku mingħand is-sid u dan kien jgħidlu li bħalissa m'għandux lant għal dik l-ordni, kif ikollu vina tajba jaqdih. Għax-xorok u għaċ-ċangatura kien isir l-istess proċess, bħal meta jaqtgħu traversa sħiħa, pero kienu jħaffru kniener iżgħar u jużaw spnajjar iżgħar. Biex tinqata' traversa oħra, kienu jerġgħu jħaffru l-qatgħa u ż-żewġ tislibiet oħra. Il-kniener kienu jħaffruhom in-naħa t'isfel tat-tavlatura minflok in-naħa t'isfel tal-pett, għax din id-darba ma jkollhomx il-pett, iżda tavlatura (il-faċċata l-mikxufa). Jerġa' jsir l-istess proċess, biex it-traversa titqatta' f'biċċiet iżgħar. Kienu jibqgħu jqattgħu traversa wara oħra u dejjem nieżlin 'l isfel. Meta kienu jaslu

f'ċertu fond, il-ħaddiema kienu jinżlu fil-barriera permezz tar-rampa, inkella jekk ma kienx ikollhom rampa kienu jinżlu permezz tas-slielem. F'dan il-każ, meta ma jkunx hemm rampa kienu jtellgħu l-ġebel permezz tas-sienja. Għas-sienja kienu jħaffru ħofra għar-rukkell, li kien ikun rukkell tal-ħadid, biex idur fuqu l-ħabel u kienu jdawru permezz tal-bagħal jew xi żiemel, sa ma l-ġebel jasal fuq. Kif jasal fuq, imajnawh għal fuq il-posta. Imajnawh jiġifieri jarbulaw l-antaljoli tal-grabja lura, biex il-ġebel joqrob lejn il-posta. Il-posta (*platform*) kienet tkun ixxuxxata 'l fuq mill-art l-ogħli ta' karettun, biex jitrakkaw magħha u jirbulaw il-ġebel għal fuq ix-xatba tal-karettun. Ta' min isemmi, li fix-xogħol tal-barriera trid ħafna armar. Irid ikollok it-tavluni, ventijiet, il-pont u l-prejjez. It-tavluni kienu jużawhom biex jintavlaw bihom, jarmaw biex jaħdmu minn fuqhom. Il-pont kien jintuża biex jagħmlu l-prejjez bih. Il-prejjez kienu jkunu ħofor fil-blat, biex fihom idaħħlu l-pal jew l-iskalpellina fihom, biex imbgħad tagħmel l-intavlar fuqhom (bħal meta kienu jarmaw biex ibaqqnu faċċata ta' xi dar, kienu jwaħħlu l-ħadid ġo toqob fil-ħajt u fuqhom ipoġġu t-tavluni, qabel ma bdew jużaw l-iscaffolding). Il-ventijiet kienu jkunu ħbula, biex bihom jorbtu l-palijiet. Dan l-armar kien jintrama' meta kien ikollhom jaħdmu fil-għoli, fil-faċċata, l-aktar biex iħaffru l-kniener u jsammru l-ispnajjar ta' xi tavlatura. Kien ikollhom bżonn ukoll tal-ilma biex irejqu (ixarbu- ġejja mill-kelma riq, bżieq) l-ispnajjar ġo xi ħawt bl-ilma, biex kif isammruh, dan jaħsad iktar malajr (jaqta aktar). Meta t-trinkaturi kienu jlestu l-qatgħa u t-tislibiet, kienu jħaffru l-kniener u jarmaw iċ-ċapep jew il-landi, bl-ispnajjar. Hawnhekk kien jidħol il-kissier. Kien jgħidilhom "se naħbat". Għal ħabta kien ikollhom bżonn bosta nies, biex kull spnar jiġi maħbut flimkien, biex il-blat iċedi kemm jista' jkun f'daqqa, biex ma jkunx hemm ħsara, billi jċedi kif irid hu. Ġieli biex jaħbtu, kien ikollhom bżonn tal-għajnuna minn xi ħaddiema ta' xi barrieri oħra. Barra milli jitolbu l-għajnuna ta' nies minn xi barriera oħra, ġieli kellhom jissellfu wkoll spnajjar, ċapep, landi u għodod oħra. Dan meta jkollhom tant lant mifrux u ma kienx ikollhom biżżejjed għodda.



***Ritratt ta' sit ta' kostruzzjoni fil bidu tas-seklu għoxrin li juri xi armar li kien jintuża anké fil-barrieri, bħal il-grabja li tintuża biex itellgħu ġebel u affarijiet oħra fil-għoli, flok il-krejn tal-lum. Jidhru wkoll erbat irġiel iġorru vażа kbira permezz ta' biċċtejn injamiet sodi forma ta' salib ta' Sant'Andrija u marbuta bil-katina, biex il-piż jinqasam bejn erbgħa (NAM PHO vol.23 unnamed)***

S'issa semmejna biss il-kxif tal-blat, biex tinbeda barriera ġdida u l-proċess li kienu jużaw biex minn blat samm jinqata' dak li nsejħulu kantun jew xriek jew xi għamla ta' ġebel ieħor. Tul dawn il-proċessi kollha, il-blat mhux dejjem kien jibqa' blat samm tajjeb għall-qtugħ, iżda kull tant kienu jfeġġu ċerti ħsarat fil-blat, li ħafna drabi kienu jfixklu r-ritmu tal-qtugħ tal-blat, sa ma jerġa jissaffa u jkun tajjeb biex jitkompla l-lant. Kull forma ta' qsim jew tkissir naturali, skont il-kobor, angulatura u direzzjoni li jkollu, kellu isem għalih. Meta jfiġġ xaqq fil-blat ta' natura vertikali, dan kienu jsejħulu **brama**. Meta x-xaqq kien ikun mindud kienu jsejħulu **oppjatura**. Meta kienu jsibu **qiegħ**, dan kien ikun xaqq mindud u jkun fit-tul. Meta waqt il-qtugħ titfaċċa ħofra kbira forma ta' għar, din isejħulha **dagħbien**. Meta kantun ikollu xi brama fina jew **ħarira** fih, dan ikun perikoluż ħafna biex timmaniġġjah. Dan għaliex din it-tip ta' brama ma tkunx tidher u l-kantun jista' jinqasam waqt li tkun qiegħed timmaniġġjah.

Semmejna li wara li t-traversa iċċedi, kien jibda l-proċess biex titqatta' f'ġebel skont il-qisien ordnati lill-imgħallem jew lis-sid tal-barriera. Fil-barriera kollox għandu isem. L-istess forom u qisien ta' ġebel maqtugħ għandhom isem. Meta fl-ordni li kienet tidħol, kien ikollhom bżonn ta' ġebla ta' qies ta' madwar ħmistax-il pied kubu (0.42 metri kubi), din kienet tissejjaħ il-**biċċa**. Peress li l-biċċa hija ġebla goffa u tqila, ma kinux iġorru ħlief waħda f'kull vjaġġ. Lanqas ma kienu jqandluha bl-idejn. Minflok kienu jżarmaw il-bhima minn mal-karettun u jgħollu l-lasti 'l fuq biex il-karettun jiġi paralleli mal-biċċa. Kienu jorbtuha max-xatba tal-karettun u jerġgħu jirbulawha biex jarmaw il-bhima mal-karettun u jitilqu għad-destinazzjoni tagħhom. Il-qies li jiġi wara l-biċċa huwa dak imsejjaħ l-**iskarpa**. Din kienet tkun ta' qies anqas minn ħmistax-il pied kubu (0.42 metri kubi). Meta l-iskarpa tkun ta' qies kwadru (kuboid) kienet tissejjaħ **romblu**. Il-**blata** kienet ġebla b'tul ta' tliet piedi u nofs (1.07m). Meta l-qies ta' ġebla ordnata jkun ta' inqas minn tliet piedi u nofs (1.07m), din tissejjaħ **kavall**. Il-**vażа** kienet ġebla bil-qies ta' ħdax-il pulzier b'xiber u kwart (11 x 13 pulzieri = 27.94 x 33 cm). Ġebla wisgħa ħdax-il pulzier (27.94 cm) tissejjaħ **kantun dobblu**, filwaqt li ġebla oħra ta' wisgħa ta' disa' pulzieri (22.86 cm), tissejjaħ **kantun singlu**. Meta jirreferu għal ġebla bħala blata jew kavall u vażа jew kantun dobblu, jew kantun singlu, dawn it-termini kienu jintużaw għat-tul u l-wisgħa rispettivament. Bħala eżempju nsemmu li jekk ikollok blata tal-kantun, din tkun ta' qies ta' disa' pulzieri wisgħa, għaxar pulzieri u nofs għoli u tliet piedi u nofs tul (9 x 10 ½ x 41 inches = 22.86 x 26.67 x 107 cm ). Ix-**xulliel** kien ikun ġebel ta' għoli għaxra u kwart (26 cm), filwaqt li t-tul u l-ħxuna jkunu bla qies. Dan it-tip ta' ġebel kien jintuża għal ġod-dobblu, b'faċċata waħda biss tkun tidher. Ix-**xriek**, tkun ġebla irqiqa u twila li tintuża biex isaqqfu biha. Fil-barriera kienu jaqtgħu diversi qisien ta' xorok, b'tul u għoli differenti, pero l-wisgħa kien aktarx li jkun ta' qies wieħed, dak ta' xiber (11 pulzier = 27.94cm ). L-aktar xriek twil kien jissejjaħ **xriek tal-qasba**, bil-qies ta' sitt piedi u għaxar pulzieri u nofs ( 6' 10 1/2" = 1.83 m X 26.67cm ). Ix-xorok kienu jinxtraw bil-**barkata**. Il-barkata kienet tkun numru ta' xorok u skont it-tul, kien ikollok xorok.

Din hija lista ta' kif kienu jinbiegħu ix-xorok

| TUL | BARKATA |
|---|---|
| 3 ixbar | 16-il xriek |
| 3 ¼ | 15 |
| 3 ½ | 14 |
| 3 ¾ | 13 |
| 4 | 12 |
| 4 ¼ | 11 |
| 4 ½ | 10 |
| 4 ¾ | 9 |
| 5 | 8 |
| 5 ¼ | 7 |
| 5 ½ | 6 |

Skont l-ordni kienu jinqatgħu l-**iskaluni** għat-turġien. L-istess kienet tinqatgħa ċ-**ċangatura**, li biha kienu jiċċangaw l-art flok il-madum, li daħal aktar wara.

**Wirt ta' Barrieri f' Ħal Kirkop**

Il-Barrieri tal-franka fil-gżejjer Maltin issibhom f'numru mdaqqas fin-nofsinhar ta' Malta. F'naħiet oħra għandek issib barrieri tal-franka, pero mhux daqs kemm issibhom lejn in-nofsinhar ta' Malta. Dawn il-barrieri għandek issibhom ikkonċentrati fl-Imqabba, l-Qrendi u Ħal Kirkop. Imbagħad meta taqbad tiela 'l fuq għandek issib barrieri fis-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ, in-Naxxar u lejn is-Swatar, int u sejjer lejn l-isptar Mater Dei. Bla dubju f'postijiet oħra għandek issib ukoll barrieri oħra tal-franka. Ħal Kirkop hu mogħni f'wirt ta' barrieri li għal snin

sħaħ servew ta' mezz ta' għixien lil diversi nies minn dan ir-raħal. Fis-sit ta' fejn qiegħda tinbena l-iskola sekondarja l-ġdida għal bniet instabu traċċi evidenti ta' tqattiegħ ta' ġebel minn żmien l-Ordni. Il-franka ta' Ħal Kirkop kienet imfittxija għall-bini, tant li matul is-seklu għoxrin diversi familji Koppin kienu jmexxu l-barrieri u jimpjegaw nies magħhhom. Iltqajt ma' diversi Koppin li kienu jaħdmu fil-barrieri u ħsibt li jkun ta' interess li naqsam magħkom dak li rnexxieli niġbor.



*Tqattiegħ ta' ġebel fil-barriera tal-gvern ta' Ħal Kirkop fis-snin ta' wara l-Gwerra*

**Frenċ Grech ta' Ružar**

Frenċ Grech, bin Anġlu u Ċensa Sacco twieled fl-1934. Aħwa kienu ħamsa, Nardu, Frenċ, Ninu, Żeppa u Karmni. Meta tkellimt ma' Frenċ Grech (Frenċ ta' Rużar), dan qalli li meta kien tfal, qabel ma daħal mal-Gvern, kien għamel xi żmien jaħdem bħala trinkatur fil-barriera ta' Nardu Chircop (ta' Pupull). Anke ħuh Nardu ħadem fil-barrieri. Huwa semmieli diversi barrieri li kienu għadhom jaħdmu bis-sistema l-antika tal-baqqun. Frenċ semmieli l-barrieri ta' Żaċċa, tal-Pisutt miż-Żurrieq, ta' Żeppi Farrugia tal-Mastrudaxxa, ta' Nardu Chircop ta' Pupull, il-barriera tal-aħwa Farrugia, Salvu, Mikiel u Indri ta' Ħurxinu, ta' Żaren Attard taz-Zliqq u ta' Furti. Dawn il-barrieri kienu kollha tar-Ramlija, fi triq ir-Ramlija u fi triq ix-Xaħxa jew it-triq taż-Żurrieq, illum Triq Valletta li tagħmel maż-Żurrieq. Semmieli wkoll il-barriera li l-Koppin insibuha bħala l-għalqa ż-żgħira, fejn illum hemm Misraħ Żerniq. Minn din il-barriera jingħad li nqata' l-ġebel biex inbniet il-knisja Parrokkjali iddedikata lill-Patrun tar-raħal tagħna San Leonardu. Jista' jkun ukoll li flimkien mal-ġebel maqtugħ mill-barriera ta' wara l-knisja kien użat ukoll ġebel meħud minn kappelli li kien hawn imxerdin madwar ir-raħal, bħalma kienet dik ta' San Ġakbu Appostlu.



*Frenċ Grech (ritratt Frenċ Grech)*

**Leonard Vella**

Meta tkellimt ma Leonard Vella, dan qalli li kien beda jittrinka fil-barriera ta' Mikiel imlaqqam iċ-Ċeviku, li kien iben Salvu Azzopardi tal-Gardilla, li wkoll kellu barriera tar-Ramlija. Kienu jaħdmu minn dlam sa dlam bil-LM 1.20 (ekwivalenti għal €2.79) u jekk kien ikun maltemp ma kinux jitħallsu. Wara xi żmien, Nardu fittex xogħol xi ftit aħjar u daħal bħala baqqunier mal-Gvern.



*Leonard Vella (ritratt Leonard vella)*

**Ninu Farrugia**

Ninu Farrugia twieled l-Imqabba. Bin Pawlu u Marianna née Borg. Aħwa kienu seba', Katerina, Karmena, Anna, Kristina, Ġużeppi, Ninu u Charles. Minn seba' aħwa, huwa u ħuh kienu jaħdmu l-barriera. Ta' min jgħid li Ninu beda jaħdem f'dak ix-xogħol ferm iebes fl-eta tenera ta' sittax-il sena fil-barriera ta' ċertu Psaila tal-



*Ninu Farrugia, ritratt meħud fit- 2 ta' Jannar 1971 (ritratt Maria Farrugia)*

Għeri mill-Imqabba stess. Kienu jaħdmu minn dlam sa dlam, għall-paga miżera ta' ftit anqas minn lira fil-ġimgħa u trid taqdef għal sidrek u tgerrem bi snienek għal dak il-ħlas miżeru. Jekk jinqala' l-maltemp, jew tfalli minnħabba mard ma titħallasx.

Mela kif jaslu filgħodu, li kien ikun għadu d-dlam, kienu jinżlu għal fuq il-lant tax-xogħol mir-rampa. Kienu jixgħelu l-fanal u jibdew ibaqqnu daqqa wara oħra, biex tibda tidher it-trinka. Ibaqqnu u jinżlu 'l isfel sa ma' jlaħħqu l-fond ta' bejn wieħed u ieħor tliet piedi u nofs (1.06m) madwar it-traversa. Il-wesgħa tat-trinka kienet tkun ta' madwar sitt pulzieri (0.15m) madwar il-blokka sħiħa li tkun trid tinqata'. Ninu kellu tliet bqaqen b'marloġġi ta' tul differenti, li kien jibdel skont kemm ikun niżel. Meta kienu jaslu biex jirbattihom (għax permezz tax-xogħol il-baqqun jew jitlef mill-azzar tax-xafra jew inkella jixxellef u ma jibqax jaqta', wara x-xogħol permezz tar-rota, Ninu kien imur is-Siġġiewi, għand il-ħaddied biex jirbattihomlu. Ninu irrakkuntali li kien ikollhom jerħu minn idejhom, biex jgħinu lill-bhima titla r-rampa, għax kemm bit-toqol, kif ukoll minħabba l-angulatura tar-rampa, li kienet tkun xi ftit jew wisq wieqfa, iż-żiemel kien ibati, bil-piż tal-vjaġġ. Ma ninsewx, li l-kantun ma kienx tal-qies tal-lum iżda akbar u allura itqal. Ninu jsemmi wkoll, li wara ġurnata jbaqqan, ġieli l-imgħallem kien javviċinah biex għal tmintax irbiegħi żejda, inaddaflu xi borġ mazkan li kien jinġabar qrib il-lant waqt it-tkissir u l-friq tal-blat, jew waqt l-iżmarrar tal-knatan. Għalkemm Ninu kien għadu ta' eta żgħira, pero kien bieżel u saħħtu kienet tgħinu, għalhekk għal dik id-daqsxejn flus żejda mal-paga kien jaċċetta. Kien jiġbor il-mazkan ġol-qoffa u jitlaq biha r-rampa biex ibattal fuq. Tiela u nieżel. Ninu semmieli li meta kienu jiġu biex jibdew lant, l-ewwel kienu jnaddfu l-għalqa. Ġieli naddaf l-għalqa jew waħdu jew ma xi tlieta oħra. Biex jaqtgħu l-ewwel traversa, kien ikollhom iħaffru l-pitt. Ħofra bl-għoli tat-trinka u fond u wisgħa ta' madwar tliet piedi bi tlieta, qisu metru kwadru. Dan kollox bil-baqqun. Kienu jħaffru l-kniener bil-baqqun ukoll u jdaħħlu l-landi jew iċ-ċapep u l-ispnajjar u jsammruhom permezz ta' mazza tal-ħadid tqila xi għoxrin ratal. It-traversa kienet tkun ta' madwar 3m bi 2.5m. Wara 7 snin fil-barriera, Ninu daħal pulizija u hemm iltaqa' mal-mara tiegħu Marija, meta kien ikun għassa fl-għassa ta' Ħal Kirkop. Huma żżewwġu nhar is-17 ta' Ġunju 1957 u kellhom 4 itfal. Ninu spiċċa jgħidli li barriera kienet post tax-xogħol ferm iebes u kont trid ikollok saħħtek sana biex tkampa.



*Ninu Farrugia waqt xi xogħol fil-ġebel (ritratt Maria Farrugia)*

**Leonard Falzon**



*Leonard Falzon (ritratt Leonard Falzon)*

Leonard Falzon li twieled fis-6 t'April 1936, huwa bin Nardu u Ġorġa née Sacco. Aħwa kienu seba', Anġla, Ġamri, Nardu, Joe, David, Rużar u Karmni. Ta' erbatax-il sena, Leonard Falzon kien beda jaħdem ġo ħanut tal-merċa f'tas-Sliema. Wara sentejn, ta' sittax, beda fil-barriera li kienet f'ta' Kandja. L-imgħallem kien jismu Ġenju li kien bniedem ta' dixxiplina kbira. Kienu jmorru bil-mixi mir-raħal sal-Imqabba, Nardu, u ħutu Rużar u Żeppi. Xogħlu kien li jħammel wara t-trinkaturi u jnaddaf il-braġ tat-terrapien minn maġenb l-iżmarraturi. Meta kien ikun hemm xi burdnar biex jgħabbi, l-imgħallem kien jaqla' lil ħammiela minn xogħolhom, biex jgħinu fit-tgħabija tal-ġebel fuq it-trakk, għax Nardu ma laħaqx il-bhejjem iżda t-trakkijiet. Dan ix-xogħol kien jagħmlu għal ħmistax-il xelin ekwivalenti għal €1.75 fil-ġimgħa. Wara ftit taż-żmien kien telaq lill-imgħallem tal-Imqabba u ħadem għal ftit taż-żmien ma' tliet mgħallmin minn Ħal Kirkop, Mikiel Farrugia Ħurxinu, Ġużeppi Farrugia ta' Markiena u ma' Furti Debono. Hawnhekk kien jaqla' daqqa ftit anqas u xi drabi ftit aktar minn Lira (€2.33) fil-ġimgħa. Fil-barriera dam sa ma għalaq it-18-il sena, fejn kien mar jaħdem kunduttur fuq tal-linja. Wara ftit kien daħal mal-Gvern. Nardu semmieli li fil-barrieri ta' Ħal Kirkop, kien jingwalaha ħafna ma' Fidiel tal-Kolla li kien jaħdem spalla ma spalla miegħu. Semma wkoll li jiftakar lil Santu Falzon, Nardu Abdilla Żabbuba, Nardu Falzon l-Irish, Frenċ u ħuh Nardu Grech, dawn kollha kienu jaħdmu miegħu.

Kullmin tkellimt miegħu dwar ix-xogħol fil-barrieri, kollha semmewli t-tbatija li kien fiha. Ankè dawk li ħadmu fl-era moderna tal-inġenji jgħidu li l-barriera hija xogħol ta' tbatija, aħseb u ara min ħadem bil-baqqun kemm bata aktar.

**Leonard Falzon – l-*Irish***



*Leonard Falzon l-Irish (ritratt ta' Leonard Falzon)*

Tkellimt ma' Leonard Falzon l-*Irish* dwar ix-xogħol li kien jagħmel fil-barriera ta' Mikiel Farrugia ta' Ħurxinu fir-Ramlija. Nardu, twieled fl-1930. L-Irish bdieli billi qalli li huwa ftit mar skola, li dak iż-żmien kienet fi Triq Valletta. Kif ħareġ mill-iskola, Nardu mar jaħdem man-nies fir-raba'. Ix-xogħol kien varjat, żriegħ ta' patata, taħwil tal-basal, tnaqqieħ u xogħol ieħor. Wara kien mar jittrinka ma' Mikiel Farrugia ta' Ħurxinu fil-barriera li kellu tar-Ramlija, kif ukoll ħadem xi ftit ma' Salvu Azzopardi tal-Gardilla fir-Ramlija wkoll. Però qabel beda dan ix-xogħol, Nardu qalli li wara li kienu joħorġu mill-iskola u kien jasal missierhom Żaren ta' Brandina lura mix-xogħol, li kien f'Laboratory Wharf il-Marsa, jgħabbi l-balal, dan kien jieħu lil Santu u lil Nardu l-barriera, biex jgħallimhom jittrinkaw. Meta draw ix-xogħol bdew jittrinkaw bil-paga. Wara l-Gwerra fis-snin ħamsin, Nardu daħal it-tarzna bħala *mate* tax-*shipwrights*, fejn dam sa ma rtira biż-żmien. Nardu l-Irish qalli li fil-Gwerra, xorta kien ikollhom xi ftit xogħol tal-ġebel. L-Irish, bid-daħka fuq wiċċu qalli li peress li ma kien fih xejn, it-trinka li kien jitrinka kien jagħmilha dejjem. Allura meta ma kienx imur għax-xogħol, ħadd ma kien ikun irid ikompli fuq xogħlu, għax ħadd ma' kellu sieq− irqiqa daqs tiegħu u tagħhom ma kinitx tidħol fit-trinka. L-*Irish* imbagħad għadda biex qalli li meta



*Żaren ta' Brandina, Missier Nardu l-Irish (ritratt ta' Leonard Falzon)*

kienet tagħmel ix-xita, ma kellhomx pompi biex itellgħu l-ilma mit-trinka, allura l-imgħallem kien iwaqqafhom u kemm idumu weqfin ma kinux jitħallsu. Ħalliha li ġieli sa ma jiskula l-ilma mit-trinka, l-imgħallem ġieli bagħthom inaqqu u jagħmlu xogħol ieħor fir-raba tiegħu. Nardu qalli wkoll li l-laqam tal-*Irish* kien wirtu mingħand zijuh. Dan kien imqareb u Nardu kien ħareġ bħalu meta kien tfal, allura ċ-Ċanċulina kien jgħid dan it-tifel qisu l-Irish u baqgħetlu.

**Bibjografija**


Bonanno, A., (2001), *Il-Preistorja,* Kullana Kulturali, Pubblikazzjonijiet Indipendenza

Borg, J.G., (1995), *Is-Sengħa tal-Bini: teorija u prattika*, l-awtur

Borg, P. P., (2000-2001), *Snajja' u Xogħol il-Maltin*, PEG, p.204

Cassar Pullicino, Ġ., (1997), 'Ix-Xogħol tal-Barriera', Leħen is-Sewwa, 22 ta' Frar 1997, 1 ta' Marzu 1997, 8 ta' Marzu 1997

Clarke Pedley, M., Hughes, M., Galea, P., (2002) Limestone Isles in Crystal Sea: the geology of the Maltese Islands, PEG

Couson, RJD, (1954), artiklu fuq Leħen is-Sewwa, 26 ta' Mejju

Farrugia, C., (1998), *L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien*, Kunsill Lokali Mqabba, Parroċċa Mqabba

Fsadni, M., (1990), *Il-Girna: wirt arkitettoniku u etniku Malti*, Provinċja Dumnikana

Gatt, M., (2006) Il-Ġeoloġija u l-Paleontoloġija tal-Gżejjer Maltin, Kullana Kulturali, Pubblikazzjonijiet Indipendenza

Lanfranco, G. (2003), *Xogħol, Ġaħġieħ u Snajja Oħra*, Wise Owl Publications

Mousu, S. (2007), *Id-Dar Maltija*, l-awtur

Said-Zammit, G.A. (2008), *The Architectural Heritage of the Maltese Islands*, The Minor Seminary Rabat

Tonna, J. (2004), *L-Arkitettura f'Malta*, Kullana Kulturali, Pubblikazzjonijiet Indipendenza

Trump, D. H. u Cilia, D. (2004), *malta: prehistory and temples,* Midsea Books

Vella, E., Borg, M., Bonanno, A. (2004), *L-Arkeoloġija ta' Malta*, Kullana Kulturali, Pubblikazzjonijiet Indipendenza

Zammit, V., (2004), *The Limestone Heritage Siġġiewi*, Insight Heritage Guides, Midsea Books,

Intervisti ma' Leonard Vella, Leonard Falzon l-*Irish*, Frenċ Grech ta' Rużar, Ninu Farrugia, Leonard Falzon